TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 553/10

**Joseph Bonello**

**vs**

**Gilbert Busuttil**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u disgħa u sebgħin ewro (€279), rappreżentanti prezz ta' żebgħa kontra l-moffa u li wara illi sar ix-xogħol reġgħet ħarġet il-moffa.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien qabbad lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' żebgħa kontra l-moffa u minkejja li applika din iż-żebgħa, wara xahrejn reġgħet ħarġet il-moffa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti u jikkonsidra illi t-talba ma kinitx ikkontestata da parte ta' l-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' mitejn u disgħa u sebgħin ewro (€279), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**